

22005X0312

L 68/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.3.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Frar 2005

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea.

(2005/205/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Billi:

U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u partikolarment l-Artikolu 6 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill bis-saħħa ta' l-Artikolu 101 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat fisem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha fil-21 ta' Diċembru 2004 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru... tat-13 ta' Diċembru 2004 ⁽²⁾.

(2) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea, qiegħed hawn jiġi approvat fisem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

⁽¹⁾ Kunsens nagħti fis-27 ta' Jannar 2005 (Għada mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 26, 28.1.2005, p. 221.

It-test tal-Protokoll qed jiġi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, jiddepożita l-istrumenti ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 13 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess ħin jiddepożita dawn l-istrumenti fisem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, 21 ta' Frar 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN

Għall-Kummissjoni
Il-President
J. M. BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 26, 28.1.2005, p. 222.